


Il-Papa jistieden lilna l-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex in-nifs tal-Ispirtu s-Santu jnissel "rebbiegħa" missjunarja ġdida fil-Knisja.

**Qari:** *Mill-omelija ta' Papa Franġisku fl-Għid il-Ħamsin tas-sena l-oħra*

L-Ispirtu s-Santu jiftaħ il-qlub issiġillati bil-biża'. Jgħinhom jirbħu r-reżistenzi. Lil min jikkuntenta bi ħwejjeġ ta' nofs kedda, jimbuttah biex jingħata kollu kemm hu. Iwessa' l-qlub dojoq. Iħeġġeġ għall-qadi lil min irid joqgħod imxaħxaħ fil-kumditajiet tiegħu. Iġiegħel jimxi lil min iħossu ġa wasal. Iġiegħel joħlom lil min hu mħeddel. Din hi l-bidla tal-qalb. Ħafna jwiegħdu staġuni ta' bidla, bidu ġdid, tiġdid ta' barra minn hawn, imma l-esperjenza tgħallimna li ebda tentattiv ta' din id-dinja biex jinbidlu l-affarijiet ma jissodisfa għalkollox il-qalb tal-bniedem. Il-bidla tal-Ispirtu hi xort'oħra: ma taqlibx ta' taħt fuq il-ħajja ta' madwarna, imma tibdel il-qalb tagħna; ma jeħlisniex f'kolp mill-problemi, imma jeħlisna minn ġewwa biex naffrontawhom; ma jagħtiniex kollox dritt, imma jgħinna nimxu b'fiduċja, bla ma qatt naqtgħu qalbna mill-ħajja. L-Ispirtu jżomm żagħżugħa l-qalb – dik iż-żgħożija mġedda. ...Iġedded il-qalb, u jibdilha minn midinba f'maħfura. Din hi l-bidla l-kbira: minn ħatja jagħmilna ġusti, u hekk kollox jinbidel, għax minn ilsiera tad-dnub insiru ħielsa, minn qaddejja nsiru wlied, minn mormija nsiru prezzjużi, minn delużi nsiru kollna tama. Hekk l-Ispirtu s-Santu jnissel mill-ġdid il-ferħ, hekk iwarrad is-sliem fil-qalb.

Mulej, inti l-blata tiegħi, il-fortizza tiegħi, il-kenn tiegħi.
Inti s-salvazzjoni tiegħi. Inti Spirtu Qaddis.
Mulej, permezz tal-profeta Isaija inti għidtilna:
"*La tibżax, għax jien fdejtek; jien sejjaħtlek b'ismek; int tiegħi.*
*Anki jekk tgħaddi mill-ilma, jien miegħek;*
*jekk taqsam ix-xmajjar, ma jgħarrqukx.*
*Anki jekk tgħaddi min-nar, ma tinħaraqx,*
*u l-fjamma ma tibilgħekx.*
*Għax jiena l-Mulej, Alla tiegħek, is-salvatur tiegħek."*

Mulej, inħoss li għandi bżonnhom ħafna dawn il-kliem għax
meta nħares madwari nara dinja li qed tinbidel b'pass imgħaġġel,
dinja li kull ma tmur qed twarrab il-valuri nsara,
dinja li tigglorifika l-flus u dak li tista' takkwista bihom.
Ngħid il-verità, inħossni xi ftit mitluf/a f'din il-ġungla
fejn, jekk tgħid jew turi li int nisrani/ja, jiddieħku bik u jwarrbuk.
Għinni Mulej niftakar li lill-Appostli int għidtilhom:
"Meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu,
intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi."
U hekk ġara tassew: għax minn imwerwra u ħosbiena
wara l-mewt ta' Ibnek Ġesù, l-Appostli saru qalbiena u mħeġġa,
u xerrdu t-tagħlim tiegħu b'kuraġġ liema bħalu,
għax l-Ispirtu bidlilhom qalbhom.
Mulej, għinna ħalli aħna, bħall-Appostli,
inħossu l-preżenza u l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu
u b'hekk nimtlew, aħna wkoll, bil-ħeġġa
biex inxandru l-kelma tiegħek kull fejn inkunu,
u biex nifhmu aħjar il-misteru ta' Kristu
u nkunu xhieda hienja ta' twemmin fih.
Fuq kollox, agħmel Mulej, kif qal il-Papa Franġisku,
li l-Ispirtu tiegħek ikun dejjem ir-ruħ tal-Knisja,
dejjem jaħjiha bit-tama, jimlieha bil-ferħ,
ikattarha mill-ġdid u jagħtiha frott ta' ħajja ġdida.
Għinna Mulej ħalli qatt ma nehdew ngħidu:
Ejja Spirtu s-Santu! Ejja Spirtu Qaddis.

**KANT**

**Qari:** *Mill-omelija ta' Papa Franġisku fl-Għid il-Ħamsin tas-sena l-oħra*

Meta l-ħajja tal-komunitajiet tagħna tgħaddi minn perijodi ta' "għeja", fejn nippreferu l-kwiet tad-dar mill-ġdid ta' Alla, dan ikun sinjal ħażin. Ifisser li nkunu qed infittxu kenn mir-riħ tal-Ispirtu.

....Hu jġib il-qawwa tiegħu ta' bidla, qawwa unika li, biex ngħidu hekk, fl-istess waqt timxi 'l ġewwa u timxi 'l barra. Timxi 'l ġewwa, jiġifieri timbuttana lejn iċ-ċentru, għax taħdem fil-ġewwieni tal-qalb tagħna. Iġġib l-għaqda fil-qsim, il-paċi fid-diqa,

il-qawwa fit-tiġrib. Dan ifakkarhulna Pawlu fit-Tieni Qari, meta jikteb li l-frott tal-Ispirtu hu hena, sliem, fedeltà, rażan (ara Gal 5:22). L-Ispirtu jagħti l-intimità ma' Alla, il-qawwa ġewwinija biex nibqgħu mexjin 'il quddiem. Imma fl-istess waqt hu qawwa li toħroġna 'l barra, jiġifieri timbuttana lejn l-estern. Dak li jwassalna għall-qalba hu l-istess wieħed li jibgħatna fit-trufijiet, lejn kull periferija umana; dak li jurina lil Alla, jibgħatna għand ħutna. Jibgħatna, jagħmilna xhieda u għalhekk isawwab – jikteb mill-ġdid Pawlu – imħabba, sabar, tjieba, ħlewwa. Fl-Ispirtu Konsolatur biss nistgħu nlissnu kliem ta' ħajja u nagħmlu tabilħaqq il-qalb lill-oħrajn. Min jgħix skont l-Ispirtu jinsab f'din it-tensjoni spiritwali: iħossu fl-istess ħin miexi lejn Alla u lejn id-dinja.

Mulej, xi kultant naħbtu ngħejjew u nkunu rridu nitilqu kollox.
Xi drabi oħra nkunu rridu nibqgħu komdi, nagħmlu l-istess affarijiet,
u ma nkunux irridu xi tiġdid jew xi tibdil.
Għax dawn Mulej ifissru li niskomodaw ruħna,
iġibu nċertezza, u jkollna nagħmlu ħilitna kollha.
Drabi oħra ninsew li Inti l-Ħallieq, li Int tista' kollox,
u nippruvaw inwarrbuk min-nofs.
Għax Mulej, aħna nippreferu li mmexxu aħna u mhux inħallu lilek tmexxi.
U jien Mulej, quddiem dan kollu, x'nagħmel?
Ngħid id-dritt xi kultant nibża' minnek Mulej, ... minn dak li tista' titlobni.
Int Mulej, bnejt il-liġi tiegħek fuq l-imħabba....
U jien Mulej, xi kultant nibża' quddiem imħabba hekk bla tarf!
Ara veru ma niswa xejn..... ma nifhem f'xejn.!!
Int lili ma tikkundannanix.... Inti tħenn u taħfer...
Inti tistedinni għall-bidla.... Tgħidli "Mur u tidnibx iżjed"
...l-istess bħalma għidt lir-raġel il-magħtub, lill-mara midinba.
Iżda dawk Mulej, fehmuk.
Fehmu li għandhom bżonn tal-għajnuna tiegħek, tal-ispirtu Mqaddes tiegħek.
Fehmu l-importanza li tikber fl-imħabba tiegħek.....
li taqsam din l-imħabba mal-oħrajn ...
li tkun xhieda tiegħek u li tgħin lil kull min hu fil-bżonn.
Fehmu kemm hu importanti li ma tibqax ilsir tal-affarijiet materjali....
Fehmu li meta tagħti lill-oħrajn ...tkun qed tirċievi iktar milli tagħti.
Mulej, għinni nifhem il-kmandament tiegħek,
għinni nifhem li int trid ħaġa waħda minni....

Int tixtieq li l-imħabba tiegħi lejk tissarraf f'imħabba lejn l-oħrajn.
Tixtieq li naqsamha mal-oħrajn... tixtieq li nkun ta' għajnuna għall-oħrajn.
Tixtieq li nuża saqajja u jdejja biex ngħin lil min hu fil-bżonn,
biex nuri mħabbtek fid-dinja tal-lum,
biex nuri li Int għadek preżenti llum ukoll,
u fuq kollox biex id-dawl ta' mħabbtek idawwal kull fejn hemm id-dlam,
kull fejn hemm in-niket, id-disperazzjoni u n-nuqqas ta' mħabba.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbuk Mulej sabiex l-Ispirtu s-Santu jħeġġiġna biex nibnu relazzjoni miegħek mill-qrib, ħalli nsiru nafuk fil-fond u b'hekk nitħeġġu biex naqsmu l-aħbar it-tajba ma' ħutna l-bnedmin u l-pjan tiegħek ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Spirtu Qaddis, flimkien mal-Papa nitolbuk biex tqanqal fina s-saħħa fil-fidi u biex timliena bl-enerġija u bil-motivazzjoni biex inxerrdu l-imħabba tiegħek u sabiex titnissel rebbiegħa ġdida missjunarja fil-Knisja.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Spirtu Qaddis, onfoħ fuq il-Knisja u oħroġha sat-trufijiet tal-art biex, imwassla minnek, twassal lil kulħadd fi ħdanek. Nitolbuk sabiex tonfoħ fuq id-dinja l-fewġa ħelwa tas-sliem u l-frisk farraġi tat-tama.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Ejja Spirtu s-Santu, Spirtu Qaddis, ibdilna minn ġewwa u ġedded fina t-tama, ħalli ma nibżgħux ninfetħu għall-oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Spirtu Qaddis, għinna ħalli nkunu kapaċi nsammru għajnejna fuq Ġesù, ħalli hu jibqa' ċ-ċentru ta' ħajjitna biex b'hekk inkunu nistgħu nimxu fuq il-passi tiegħu u nkunu ta' qalb ħelwa u umli.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.